32005D0713

15.10.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 271/39

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Ottubru 2005

li tawtorizza r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju ta' l-Olanda biex japplikaw miżura li tidderoga mill-Artikolu 3 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mat-taxxi fuq il-bejgħ gross

(2005/713/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa fuq il-bejgħ gross - Sistema Komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT): bażi uniformi ta' valutazzjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kunsill, li jaġixxi unimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex idaħħal miżuri speċjali għal deroga mid-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ħlas tat-taxxa.

(2) Permezz ta' ittri reġistrati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Ottubru 2004 u tas-27 ta' Ottubru 2004, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (hawn aktar 'il quddiem "il-Ġermanja") u r-Renju ta' l-Olanda (hawn aktar "il quddiem" "l-Olanda") talbu l-awtorizzazzjoni biex idaħħlu miżura speċjali li għandha x'taqsam mal-kostruzzjoni, it-tiswija u r-restawr ta' pont li jaqsam il-fruntieri fuq ir-Rodebach bejn Selfkant (fit-Tramuntana ta' Millen, fil-Ġermanja) u Echt-Susteren (fit-Tramuntana ta' Sittard, fl-Olanda).

(3) Skond l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kummissjoni, b'ittra bid-data tal-11 ta' Jannar 2005, għarrfet lill-Istati Membri l-oħra dwar it-talba magħmula mill-Ġermanja u mill-Olanda. Permezz ta' ittri bid-data ta' l-14 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja u lill-Olanda li hija kellha t-tagħrif kollu meħtieġ għal stima tat-talba.

(4) Għal provvista ta' oġġetti u servizzi, akkwisti intra-Komunitarji, u għall-importazzjoni ta' oġġetti intenzjonati għall-kostruzzjoni, it-tiswija u r-restawr tal-pont, l-għan tal-miżura speċjali huwa li l-post kollu kemm hu tal-kostruzzjoni tal-pont li jaqsam il-fruntieri u, wara li jitlesta, il-pont innifsu, jitqiesu li qegħdin fuq it-territorju tal-Ġermanja.

(5) Fin-nuqqas ta' miżura speċjali għal kull provvista ta' oġġetti u servizzi użati għall-kostruzzjoni, it-tiswija u r-restawr tal-pont in kwistjoni, ikun meħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-post ta' tassazzjoni kienx il-Ġermanja jew l-Olanda, li fil-prattika se jkun ikkumplikat ħafna għall-kuntratturi nkarigati mix-xogħolijiet konċernati.

(6) L-għan ta' din id-deroga huwa li jissimplifika l-proċedura għall-ħlas tat-taxxa fuq il-kostruzzjoni, it-tiswija jew r-restawr tal-pont in kwistjoni.

(7) Id-deroga mhux se jkollha impatt negattiv fuq ir-riżorsi tal-Komunità Ewropea nnifisha ipprovduti mill-VAT.

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju ta' l-Olanda huma hawnhekk awtorizzati li f'dak li huma provvisti ta' oġġetti jew servizzi, akkwisti intra-Komunitarji, u importazzjoni ta' oġġetti maħsuba għall-kostruzzjoni, it-tiswija jew ir-restawr tal-pont li jaqsam il-fruntieri fuq ir-Rodebach bejn Selfkant (fit-Tramuntana ta' Millen, fil-Ġermanja) u Echt-Susteren (fit-Tramuntana ta' Sittard, fl-Olanda), huma jqisu l-kostruzzjoni tal-post kollu kemm hu tal-pont li jaqsam il-fruntieri, u wara li jitlesta, il-pont innifsu, bħala li qegħdin fuq it-territorju tal-Ġermanja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmula fi Brussel, 11 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BROWN